**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 48/2014**
***Kienet addottata Aġenda nru. 43/2014***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 25 ta' Frar 2014**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Viċi Chairperson is-Sur Emmanuel Debono kien skużat.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 47/2014

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 47/2014 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 47/2014

Ma tqajjmux punti mill-Minuti bin-nru. 47/2014.

## 4. KORRISPONDENZA

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|
| (i) James Said<br>Biex jarma *bumping cars* mis-17 ta' Ġunju sal-14 ta' Settembru 2014 fil-*car park*. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet – jarma fil-*parking area* t' isfel, fuq ġewwa. |
| (ii) Ruth Frau<br>Biex tarma *luna park* mill-aħħar ġimgħa ta' Lulju sal-ewwel ġimgħa ta' Settembru fil-*car park.* | Approvata –<br>tarma fil-*parking area* ta' fuq, fuq ġewwa (tintalab tispeċifika l-*area* li qed titlob għaliha). |
| (iii) Fondazzjoni OASI<br>Għall-kunċert Riflessi Sajfin nhar id-9 ta' Awwissu 2014 fil-Menqa. | Approvata – l-armar tal-palk isir nhar it-8 ta' Awwissu u ż-żarmar tal-palk isir l-għada tal-kunċert. |
| (iv) Glass Box Bar<br>Għal divertiment pubbliku – band f' Misraħ M' Anġ Refalo f' dawn il-ġranet:<br>Ġunju '14 – 1,4,8,11,15,18,22,25 u 29.<br>Lulju '14 – 2,6,9,13,16,20,23 u 27.<br>Awwissu '14 – 3,6,10,13,17,20,24 u 27.<br>Settembru '14 – 3,7,10,14,17,21,24 u 28. | Approvata |

| | | |
|---|---|---|
| (v) | Ekxa Kiosk<br>Għal divertiment pubbliku f’ Misraħ M’ Anġ Refalo f’ dawn il-ġranet:<br>Ġunju ’14 – 6,7,13,14,20,21,27 u 28.<br>Lulju ’14 – 4,5,11,12,18,19,25 u 26.<br>Awwissu ’14 – 1,2,8,9,15,16,22,23,29, u 30.<br>Settembru ’14 – 5,6,12, u 13. | Approvata |
| (vi) | Jason Axiak<br>Applikazzjonijiet għal provvista temporanja tal-elettriku għal van tal-ġelat minn April sa Diċembru ’14 fi Triq il-Wied. | Jintalab jiġi għall-laqgħa li jmiss. |
| (vii) | Perit Edward Scerri f’ isem Anthony Cassar – Il-Gambero Restaurant.<br>Talba għal *encroachment* għal tqegħid ta’ mwejjed fuq art pubblika fi Triq il-Port. | Rifjutata – kontra li jitpoġġew imwejjed f’ passaġġi pubbliċi. |
| (viii) | Perit Edward Scerri f’ isem Joseph Sultana – Il-Kartell Restaurant.<br>Talba għal *encroachment* għal tqegħid ta’ mwejjed fuq art pubblika fi Triq il-Port. | Rifjutata – kontra li jitpoġġew imwejjed f’ passaġġi pubbliċi. |
| (ix) | Transport Malta<br>Applikazzjoni għal *reserved parking bay* quddiem ‘Albatross Crt’, Triq Santa Marija. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |

Sar il-qari ta’ din il-korrispondenza:

Sar il-qari ta’ ittra mibgħuta mis-sid ta’ Diving Scuba Kings fejn talab biex meta Triq il-Port tkun magħluqa għat-traffiku jingħata dritt għall aċċess u biex issir *loading / unloading bay* quddiem il-ħanut tiegħu. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li bħala ħanut tad-*diving* ma jikkwalifikax għal *loading / unloading bay*.

Is-Sur Refalo rtira mill-kamra tal-laqgħat.

## 5. SEJĦA GĦALL-KWOTAZZJONIJIET

### PROVVISTA U KONSENJA TA’ ŻEBGĦA TA’ BARRA

Is-Segretarja Eżekuttiva fetħet il-kwotazzjonijiet sottomessa għal provvista u konsenja ta’ żebgħa ta’ barra (żebgħa taż-żejt u żebgħa tal-ħitan). Intefgħu tlett kwotazzjonijiet u dawn ġew mitfugħa minn, bil-valur ta’:

| | Żebgħa taż-żejt | Żebgħa tal-ħitan |
|---|---|---|
| Pace & Mercieca Ltd | €18.48/2.5lt | €59.50/10lt |
| September Hardware Store | €14.50/2.5lt | €59.00/20lt |
| Rapa Showrooms Co Ltd | €14.50/2.5lt | €55.25/20lt |

Il-Kumitat għażel il-kwotazzjoni ta' Rapa Showrooms Co Ltd li kienet l-irħas waħda.

## 6. *TRAFFIC CALMING MEASURES*

Dan is-suġġett se jkun diskuss f' seduta oħra.

Dwar it-*traffic management* approvat minn Transport Malta għal Pjazza San Pawl u t-toroq tal-madwar, iċ-Chairperson u s-Sur Zammit qablu miegħu u s-Sur Sacco ddikjara li hu kontra.

## 7. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**KAM 04/2014 – in-Nutar George Pisani**
Talab biex isir *double yellow line* fuq naħa waħda tal-garaxx ta' St George's Crt fi Triq il-Kaptan Frank Debono. Talba approvata mill-Kumitat.

**KAM 05/2014 – is-Sindku**
Jerġgħu jibdew jittajru l-bnadar f' Marsalforn. Il-Kumitat approva x-xiri ta' żewġ settijiet bnadar.

**KAM 06/2014 – Charles Muscat**
Talab biex tinbidel il-bankina ta' quddiem St Paul's fi Triq Santa Marija. It-talba kienet approvata mill-Kumitat.

## 8. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat qabel li l-bankijiet li nqalgħu minn fuq il-promenade ta' Marsalforn jitpoġġew fi Triq il-Wied.

## 9. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***